min wisq, min ftit, huma għedewwa tal-ideal tagħna u jeħteġilna b'mod jew b'ieħor, nikkumbattuhom — l-aħjar, forsi, billi b'mod positiv nuru x'inhu l-Malti u x'jiswa għalina. B'dan il-ħsieb ingħaqadna ma' xirkiet oħra li jħossu bħalna biex flimkien norganizzaw GIMGĦA TAL-MALTI li ma' tulha jsiru xandiriet u taħditiet, laqgħat akkademiċi, xi ħaġa fuq il-palk u affarijiet oħra bħal dawn biex dejjem aktar inħeġġu n-nies għall-Malti, nuruhom is-siwi tiegħu u nħajruhom iħobbuh dejjem aktar.

Kif qed taraw dan il-Kunsill beda u temm ħafna affarijiet, beda oħrajn u għadu ma temmhomx, u hemm ħwejjeġ oħra li xtaq jagħmel imma li għal xi raġuni jew oħra ma setax. Dan ifisser li l-Kunsill il-ġdid ser ikollu ħafna xogħol ieħor x'jieħu ħsieb; nixtiqulu suċċess; u jien, b'mod partikolari nawgura suċċess lil min, warajja jinħatar u jidħol għall-kariga ta' Segretarju.

Fl-aħħarnett irrid nirringrazzja lil sħabi kollha tal-Kunsill għall-għajnuna li dejjem tawni, imma b'mod speċjali nirringrazzja lill-President, li mhux biss għinni, imma dejjem tani pariri tajba u qawwieli qalbi billi qatt ma naqas li jaqsam miegħi bla tgemgim u bil-ferħ il-pis li kelli fuq spallejja.

## KONKORS NAZZJONALI TA' NOVELLI

**Il-Prijurat tal-Lingwa Maltija ta' l-Ordni Sovran ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm għall-okkażjoni tar-Raba' Ċentenarju ta' l-Assedju l-Kbir għandu l-pjaċir li jniedi Konkors Nazzjonali ta' Novelli bil-Malti bi premjijiet ta' flus u ta' Diplomi Kommemorativi.**

**L-Ewwel Premju: £8, ġentilment offrut mis-St. George's Flour Mills f'isem l-Għalf Bilanċjat "Sustanza";**

**It-Tieni Premju: £6, ġentilment offrut mill-Bank of Industry, Commerce and Agriculture;**

**It-Tielet Premju: £4, ġentilment offrut minn Scicluna's Bank.**

**Il-kundizzjonijiet ta' dan il-Konkors jistgħu jittieħdu minn għand il-Komm. Kelinu Vella Haber, O.S.J., Prijur ta' Malta, 66, Triq Stuart, Gżira.**



IN MEMORIAM

# ĠUŻÈ BORG PANTALLERESCO

Il-Ħadd, 17 ta' Jannar 1965, għal xi l-10.30 p.m., lissen l-aħħar kelmiet tiegħu l-prokuratur legali Ġużè Borg Pantalleresco meta talab lil dawk madwar is-sodda tal-mewt isellu għal martu, ħutu u ħbiebu kollha "għax kien sejjer fejn il-għażiża ommu." Kien dak in-nhar meta għal xi l-5.00. p.m. ħassu ħażin u t-tabib wissa lil martu li s-Sur Ġużè ħtieġlu jfittex l-isptar. Fit-8.30 p.m. ħareġ minn daru għall-aħħar darba. Fl-isptar, fi kliem martu nfisha, is-sinjura Riccarda, kif għarrfitni, "żewġha għamel mewta ta' qaddis," imwennes fil-ħwejjeġ tar-ruħ minn qaribu Patri Franġisk, Kabuċċin; ir-Reverendu Fortunato Mizzi, ħabibu tal-qalb, u l-kappillan tal-isptar.



*Bil-kortesija tal-Union Press*

Is-Sur Ġużè bħallikieku qalbu ħebritu x'kien se jgħaddi minnu, għaliex tlitt ijiem qabel, fil-14 ta' Jannar 1965, kitibli, "Meta trid inti, jiena nħallilek tifkira ta' leħni.* Tabilħaqq: Anton, ma nafx dan il-leħen kemm sejjer idum jinstama'. Wasalt biex inħalli 'l ħbiebi, u s-Sema kaħlani ta' gżiritna. Mid-dar, speċjalment wara nofs in-nhar, miniex noħroġ, u bosta drabi filgħodu wkoll — illum wieħed minnhom;" u żied jistqarrli, "Ma għadnix dak il-bniedem espansiv ta' xi darba. Il-fakoltà mentali bdiet tipparalizza u f'qalbi hemm il-ħemda. Wara kollox għandi 75 sena magħluqa. Niskanta kif għexthom." Dawn kienu l-aħħar kliem miktuba minnu lili. Ftit jiem qabel mewtu kien kitibli dwar tagħrif li kont tlabtu, u hekk kien għalaq l-ittra, "Ma nafx Milied ieħor inkunx għadni hawn għax saħħti sejra lura bis-sigħat. Tkun magħmula l-volontà t'Alla." Dawn il-kliem jixħdu bosta fuq is-Sur Ġużè Borg Pantalleresco.

---

* Is-Sur G.B.P. qiegħed jitkellem dwar talba tiegħi sabiex nieħu "tape-recording" għall-qari ta' xi siltiet letterarji tiegħu.